31993L0076

L 237/28 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 22.9.1993

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/76/KEE tat-13 ta' settembru 1993 biex tillimita l-emissjonijiet ta' dijossidju karboniku billi tittejjeb l-effiċjenza ta' enerġija (SAVE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 130s u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi, permezz tar-resoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 1986 ([4]), il-Kunsill stabbilixxa politika ġdida għall-oġġettivi għall-1995 u konverġenza għall-politika ta' l-Istati Membri;

Billi l-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent u għall-Enerġija qablu fil-laqgħa tagħhom fid-29 ta' Ottubru 1990 li l-Komunità u l-Istati Membri, filwaqt li assumew li l-pajjiżi oħra prinċipali għamlu rabtiet simili, u rrokonoxxew il-miri identifikati minn numru ta' Stati Membri għall-istabbilizzar jew tnaqqis ta' ħruġ sa dati differenti, kienu lesti li jieħdu azzjonijiet bil-għan li jilħqu stabbilizzar tat-total ta' ħruġ ta' dijossidju karboniku sas-sena 2000 fuq il-livell ta' l-1990 fil-Komunità kollha; billi kien hemm qbil ukoll li Stati Membri li jibdew minn relattivament livelli baxxi ta' konsum ta' enerġija u għalhekk ħruġ baxx imkejjel fuq ras għal ras jew bażi xieraq ieħor huma ntitolati li jkollhom miri ta' dijossidju karboniku u/jew strateġiji li jaqblu ma' l-ekonomija tagħhom u żvilupp soċjali, filwaqt li jtejjbu l-effiċjenza fl-enerġija ta' l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom:

Billi bid-deċiżjoni 91/565/KEE il-Kunsill adotta l-programm *SAVE* li l-għan tiegħu hu li jippromwovi effiċjenza għall-enerġija fil-Komunità ([5]);

Billi l-Artikolu 130r tat-Trattat jistipula li l-objettiv ta' azzjoni mill-Komunità li jitratta l-ambjent għandu jkun biex jassigira utilizzazzjoni prudenti u razzjonali ta' risorsi naturali; billi dawn ir-risorsi naturali jinkludu prodotti taż-żejt, gas naturali u karburanti solidi, li huma sorsi essenzjali tż' enerġija imma wkoll sorsi ewlenin ta' ħruġ ta' dijossidju karboniku;

Billi, minħabba li t-Trattat ma pprovdiex band'oħra is-setgħat meħtieġa biex jilleġislaw dwar aspetti relatati ma' l-enerġija tal-programmi preskritti f'din id-Direttiva, rikors għandu jsir ukoll għal l-Artikolu 235 tat-Trattat;

Billi s-setturi residenzjali u s-setturi territorjali jagħtu kont għal madwar 40 % tal-konsum finali ta' l-enerġija fil-Komunità u qed jespandu, xejra li għandha tendenza li żżid il-konsum tagħhom ta' enerġija u b'hekk il-emissjonijiet tagħhom tad-dijosidju karboniku;

Billi din id-Direttiva timmira li tippreserva l-kwalità ta' l-ambjent u li tassigura utilizzazzjoni prudenti u razzjonali ta' risorsi naturali, li huma fatturi ta' kompetenza mhux esklussivi tal-Komunità;

Billi l-isforz kollettiv mill-Istati Membri, jimplika miżuri fil-livell tal-Komunità, hu meħtieġ sabiex jillimitaw l-emissjonijiet tad-dijossidju karboniku u biex jippromwovu l-użu razzjonali ta' l-enerġija;

Billi l-miżuri għandhom jiġu stabbiliti skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà minn Stati Membri fuq il-bażi ta' titjib potenzjali fl-effiċjenza ta' l-enerġija, effettiv, taħt il-profil ta' ġestjoni u ta' spejjeż, possibbiltà teknika u impatt ambjentali;

Billi, billi jipprovdu informazzjoni oġġettiva fuq il-karatteristiċi ta' l-enerġija ta' bini, iċ-ċertifikazzjoni ta' l-enerġija għandha tgħin biex tittejjeb it-trasparenza tas-suq tal-proprjetà u biex tinkoraġġixxi investiment fl-iffrankar ta' enerġija;

Billi l-kontijiet, lill-okkupanti ta' bini, li jkun fihom il-kost tat-tisħin, l-arja kondizzjonata u l-ilma sħun, kkalkulati fi proporzjon adatt, fuq il-bażi ta' konsum attwali għandu jikkontribwixxi għall-iffrankar ta' enerġija fis-settur residenzjali; billi hu mixtieq li l-okkupanti ta' bini bħal dak għandhom ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tas-sħana, ilma kiesaħ u sħun, billi r-rakkomandazzjonijiet u resoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill dwar il-kontijiet ta' l-ispejjeż għas-sħana u ta' l-ilma sħun ([6]) kienu applikati biss f'żewġ Stati Membri; billi proporzjon sinifikanti tat-tisħin, l-arja kondizzjonata u l-ispejjeż ta' ilma sħun qiegħdin jiġu ċċarġjati fuq il-bażi tal-fatturi li mhumiex il-konsum ta' enerġija;

([1]) ĠU C 179, tas-16.7.1992, p. 8.
([2]) ĠU C 176, tat-28.6.1993.
([3]) ĠU C 19, tal-25.1.1993, p. 134.
([4]) ĠU C 241, tal-25.9.1986, p. 1.
([5]) ĠU L 307, tat-8.11.1991, p. 34.

([6]) Rakkomandazzjoni 76/493/KEE (ĠU L 140, tat-28.5.1976, p. 12).
Rakkomandazzjoni 77/712/KEE (ĠU L 295, tat-18.11.1977, p. 1).
Resoluzzjoni tad-9.6.1980 (ĠU C 149, tat-18.6.1980, p. 3).
Resoluzzjoni tal-15.1.1985 (ĠU C 20, tat-22.1.1985, p. 1).

Billi metodi ġodda ta' appoġġ finanzjarju huma meħtieġa biex jippromwovu investimenti fl-iffrankar ta' enerġija fis-settur pubbliku; billi, jekk wieħed iżomm f'moħħu dan, l-Istati Membri għandhom jippermettu u jagħmlu użu sħiħ tal-possibiltajiet offerti minn iffinanzjar minn partijiet terzi;

Billi l-bini għandu jkollu mpatt fuq il-konsum ta' l-enerġija fuq perjodu ta' żmien fit-tul; billi bini ġdid għandu għalhekk ikun mgħammar b'insulazzjoni termali effiċjenti mfassla għall-klima lokali; billi dan għandu japplika wkoll għall-bini ta' awtoritajiet pubbliċi fejn l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħtu eżempju li jagħtu kont ta' konsiderazzjonijiet ambjentali u ta' enerġija;

Billi manutenzjoni regolari ta' kaldaruni tikkontribwixxi biex iżommu l-aġġustament korrett skond l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u b'dak il-mod għat-twettieq ottimu mill-punto di vista ambjentali ta' enerġija;

Billi l-industrija hija ġeneralment lesta li tagħmel użu aktar effiċjenti ta' enerġija biex biex tħares l-objettivi ekonomiċi tagħha stess; billi l-awditjar ta' l-enerġija b'mod partikolari f'impriżi b'konsum ta' enerġija għoli għandhom ikunu inkorraġġiti biex iġibu titjib sinifikanti fl-effiċjenza ta' l-enerġija f'dan is-settur;

Billi t-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija fir-reġjuni kollha tal-Komunità għandu jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fil-Komunità, kif hemm provdut fl-Artikolu 130a tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-għan ta' din id-Direttiva huwa l-kisba mill-Istati Membri ta' l-objettiv ta' l-illimitar ta' ħruġ ta' dijossidju karboniku billi tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija, notevolment permezz tat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' programmi fl-oqsma li ġejjin:

— ċertifikazzjoni għall-enerġija ta' bini,

— il-kontijiet tat-tisħin, arja kondizzjonata u u spejjeż ta' ilma sħun fuq il-bażi tal-konsum attwali,

— finanzjament minn partijiet terzi għall-investimenti fl-effiċjenza ta' l-enerġija fis-settur pubbliku,

— insulazzjoni termali f'bini ġdid,

— spezzjoni regolari ta' kaldaruni,

— verifiki ta' enerġija ta' impriżi b'konsum għoli ta' enerġija.

Il-programmi jistgħu jinkludu liġijiet, regolamenti, strumenti ekonomiċi u amministrattivi, informazzjoni, ftehim edukattiv u volontarju li l-impatt taagħhom għandu jkun stmat oġġettivament.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom iħejju programmi ta' implimentazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' l-enerġija fil-bini. Iċ-ċertifikazzjoni ta' enerġija fil-bini, li għandha tikkonsisti f'deskrizzjoni tal-karatteristiċi ta' l-enerġija tagħhom, għandha tipprovdi informazzjoni għall-utenti prospettivi li tikkonċerna l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-bini.

Fejn xieraq, ċertifikazzjoni tista' wkoll tinkludi għażliet għat-titjib ta' dawn il-karatterisitiċi ta' enerġija.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom ifasslu u jimplimentaw programmi dwar il-kontijiet li jkun fihom il-kost tat-tisħin, l-arja kondizzjonata u l-ilma sħun, fi proporzjoni xieraq, fuq il-bażi tal-konsum attwali. Dawn il-programmi għandhom jippermettu li n-nefqa ta' dawn is-servizzi tkun imqassma bejn l-utenti tal-bini kollu jew parti minnu fuq il-bażi tal-kwantitajiet speċifiċi ta' sħana, ta' ilma kiesaħ u sħun konsumat minn kull okkupant. Dan għandu jgħodd għall-bini jew partijiet ta' bini provduti bi sħana kollettiva, arja kondizzjonata jew installazzjoni domestika ta' ilma sħun. Okkupanti ta' dak il-bini għandhom ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom ta' tisħin, ilma kiesaħ jew sħun.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom iħejju u jimplimentaw programmi li jippermettu l-finanzjament minn partijiet terzi għal investimenti ta' effiċjenza fl-enerġija fis-settur pubbliku.

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "finanzjament minn partijiet terzi" tfisser il-provvista kollox ma' kollox ta' verifika, installazzjoni, operazzjoni, manutenzjoni u servizzi ta' finanzjament għal investiment ta' effiċjenza fl-enerġija, bl-irkupru tan-nefqa ta' dawn is-servizzi li jkun kontinġenti, kollu kemm hu jew f'parti, fuq livell ta' ffrankar fl-enerġija.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom iħejju u jimplimentaw programmi sabiex bini ġdid jirċievi insulazzjoni termali effettiva, bbażati fuq skondi fit-tul, fuq il-bażi ta' *standards* preskritti mill-Istati Membri, waqt li jingħata kont tal-kundizzjonijiet tal-klima jew żoni ta' klima u l-użu maħsub tal-bini.

*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom iħejju u jimplimentaw programmi dwar l-ispezzjoni regolari ta' installazzjonijiet ta' tisħin ta' produzzjoni effettiva ratata ta' aktar minn 15Kw bil-għan li jittejbu l-kondizzjonijiet ta' operazzjoni mill-punto di vista ta' konsum ta' enerġija u llimitar ta' ħruġ ta' dijossidju karboniku.

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom iħejju u jimplimentaw programmi bil-għan li jippromwovu t-tlestija regolari ta' verifiki ta'enerġija ta' impriżi industrijali b'konsum għoli ta' enerġija biex itejjbu l-effiċjenza tagħhom fl-enerġija u jillimitaw l-emissjonijiet ta' dijossidju karboniku, u jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet simili għal impriżi oħra b'konsum għoli ta' enerġija.

*Artikolu 8*

Stati Membri għandhom jistabilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 7 fuq il-bażi tat-titjib potenzjali fl-effiċjenza ta' l-enerġija, l-effettività, taħt il-profil ta' ġestjoni u ta' spejjeż, il-possibbilità teknika u l-impatt ambjentali.

*Artikolu 9*

tati Membri għandhom jirraportaw lill-Kummissjoni kull sentejn dwar ir-riżultati tal-miżuri meħuda biex jimplimentaw il-programmi li għalihom tipprovdi din id-Direttiva. Meta jagħmlu dan, huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-għażliet li jkunu għamlu fil-pakkett tagħhom ta' miżuri. B'żieda, huma għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-Kummissjoni b'ġustifikazzjoni għall-kontenut tal-programmi, waqt li jingħta kont ta' l-Artikolu 8.

Fil-konsiderazzjoni tar-rapporti ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat ta' konsulenza msemmi fid-Deċiżjoni 91/565/KEE wara l-proċedura msemmija fl-Artikolu 6 ta'dik id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u/jew miżuri oħra kif imsemmija fl-Artikolu 1 kif meħtieġ biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mill-iktar fis possibbli u mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1994. L-Istati Membri huma meħtieġa li jagħmlu dispożizzjonijiet kollha meħtieġa biex jippermettulhom biex iwettqu l-objettivi ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw liġijiet jew regolamenti għal dan il-għan, dawk il-liġijiet jew ir-regolamenti għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha ssir dik ir-referenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri. Dan għandu japplika b'analoġija fejn programmi huma trasposti f'forma oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali u/jew miżuri oħra kif imsemmija fl-Artikolu 1 li huma adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 11*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-13 ta' Settembru 1993.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Ph. MAYSTADT